MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 288/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Pace**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Pace talli fis-26 ta’ Ottubru 2006 fil-11.00pm go Club 22, Level 22, Hilton Portomaso, Portomaso, San Giljan, naqas li jipprojbixxi li jsir tipjip fl-imsemmi fond;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Lulju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati u lliberatu wara li ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

**“Ir-regolament 3 tal-A.L. 414/2004 jipprojbixxi tipjip f’xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftugh ghall-pubbliku…**

**“Mill-provi jirrizulta indubitat li l-imputat kien il-persuna responsabbli ghall-istabbiliment fil-gurnata imsemmija fit-tahrika.**

**“Jirrizulta izda li l-post dak in-nhar ma kienx miftuh ghall-pubbliku.**

**“Konsegwentement tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.”**;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-28 ta’ Lulju 2007, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza u, wara li tisma’ l-provi kollha, issib lil Peter Pace hati skond l-imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu, in effetti, li l-ewwel qorti lliberat lil Peter Pace minhabba enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi – Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kap. 9.

F’dan il-kaz il-fatti ma humiex verament in kontestazzjoni. Wara rapport li kien dahal ghand l-Ispettorat tas-Sahha fid-19 ta’ Ottubru 2006 li fil-lokal in kwistjoni kien hemm hafna duhhan ta’ sigaretti u *ash trays*, zewg Spetturi tas-Sanita` marru, tard filghaxija tas-26 ta’ Ottubru 2006, biex jispezzjonaw il-post. Il-lokal Club 22 huwa *Lounge Bar* u *Wine Bar*. Fi kliem l-Ispettur tas-Sanita` Helen Calleja:

**“X’hin dhalna ezatt, l-ewwel nies ezatt kif dhalna kien hemm riha tremenda ta’ sigaretti, izda x’hin dhalna, x’hin stajna naraw in-nies li kien hemm prezenti hemmhekk ilmahna zewg persuni attwalment bis-sigarett mixghul u qeghdin ipejpu. U rajna li fuq kull**

**mejda kien hemm *ash tray* kbira u kien hemm is-sigaretti fiha jigifieri."**

L-appellat ma jikkontestax li l-lokal ikun normalment miftuh ghall-pubbliku. Anqas jichad li fil-gurnata li saret l-ispezzjoni kien qed isir tipjip, ghalkemm skond hu kienu biss tnejn min-nies – zewg tobba barranin – li kienu qed ipejpu u kellhom *ash tray* fuq il-mejda taghhom. It-tezi ta' l-appellat hi li dak il-hin li saret l-ispezzjoni kien hemm *private party* u ghalhekk il-lokal ma kienx miftuh ghall-pubbliku. Skond l-Avukat Generali, f'post bhal dak in kwistjoni, anke meta tkun qed issir xi *private function* ma jistax isir tipjip.

L-appellat gie akkuzat skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubblici (Avviz Legali 414 ta' l-2004[1]). Dawn ir-regolamenti saru bis-sahha ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 9(g) ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk (Kap. 315). Skond din id-disposizzjoni, il-Ministru tas-Sahha jista' jaghmel regolamenti *"biex jipprojbixxi jew jikkontrolla t-tipjip f'xi post jew parti minnu."*

Issa, ir-regolament 3 ta' l-Avviz Legali in dizamina jipprovdi li *"Huwa projbit li jsir tipjip f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghal-pubbliku hlief fi kmamar imsemmija fejn jista' jsir it-tipjip."* [2] Ma hemmx dubbju li Club 22 huwa fond "maghluq" kif ukoll wiehed "privat". Il-kwistjoni ddur dwar is-sinjifikat tal-espressjoni "miftugh ghall-pubbliku".

Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, post ikun "miftugh ghall-pubbliku" meta jkun qed jaqdi l-funzjoni tieghu ta' post *"minn fejn jigi offrut l-ikel u x-xorb bi hlas jew b'xejn"* skond id-definizzjoni ta' postijiet fir-regolament 2. Bil-fatt li fil-gurnata in kwistjoni n-nies li kienu presenti fi Club 22 kienu hemm fuq stedina ta' min kien qed jorganizza il-*party*, u nies li ma kienux hekk mistiedna suppost li ma setghux jidhlu, b'daqshekk ma jfissirx li l-post ma kienx miftuh ghall-pubbliku. Il-post ma kienx miftuh ghall-

[1] L.S.315.04
[2] Fit-test ingliz: "Smoking is hereby banned in any enclosed private or public premises which is open to the public except in designated smoking rooms."

pubbliku in generali, izda certament ma jistax jinghad li l-mistednin li kien hemm fil-lokal ma kienux jikkwalifikaw bhala “il-pubbliku” galadrba huma kienu qed jigu servuti xorb u ikel (anke jekk forsi aktar xorb milli ikel) – f’dan il-kaz, galadarba kienet *private function*, il-pubbliku mistieden kien presumibbilment qed jigi offrut ikel u xorb b’xejn, bhalma, per ezempju, jigri f’riceviment ta’ tieg.

Fil-kaz in dizamina, l-appellat, bhala “persuna responsabbli” fis-sens tar-regolament 2, naqas milli jaddotta mizuri biex jizgura li t-tipjip isir biss fil-kmamar imsemmija fejn jista’ jsir tipjip (regolament 5(b)) – effettivament ma jirrizultax li kien hemm tali kamra disponibbli fil-lokal in kwistjoni – u dan jekwivali ghal nuqqas milli jipprojbixxi li jsir tipjip. Il-mizura li kellu jiehu fic-cirkostanzi kienet proprju li jipprojbixxi li jsir tipjip fi Club 22; l-appellat mhux biss ma ghamilx hekk izda addirittura pprovda *ash trays* biex in-nies ikunu jistghu jpejpu!

Ghalhekk l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt. Konsegwentement il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5(b) ta’ l-Avviz Legali 414 ta’ l-2004 u l-Artikolu 18 tal-Kap. 315, tiddikjara lill-appellat Peter Pace hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ tlett mitt lira (Lm300), konvertibbli f’sittin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------